MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 28/2005

**Olina Tretyak**

***Versus***

**Avukat Ġenerali**

Dan il-provvediment huwa dwar talba biex jissejjaħ fil-kawża Mark Lombardi.
Ir-rikorrenti fetħet dawn il-proċeduri għax qiegħda tgħid illi d-drittijiet fondamentali tagħha mħarsa taħt l-artt. 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali nkisru fi proċeduri ġudizzjarji li kien fetaħ Mark Lombardi kontra r-rikorrenti.
Ir-rimedju li qiegħda titlob ir-rikorrenti — it-tħassir ta' proċeduri ġudizzjarji u ta' dikrieti mogħtija waqt dawk il-proċeduri — ma humiex rimedji li jistgħu jingħataw minn

persuni privati, u għalhekk ma huwiex il-każ illi Mark Lombardi jissejjaħ biex isir bħal imħarrek fil-kawża.
Madankollu, billi huwa ovvju illi Mark Lombardi għandu interess fil-proċeduri tallum, huwa xieraq illi jingħata l-opportunità illi, jekk jidhirlu, jitlob illi jitħalla jintervjeni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------